31981R3149

L 314/5 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.11.1981

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3149/81
tat-30 ta' Ottubru 1981
dwar il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fl-intestatura 38.19 T tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar il-miżuri li għandhom jittieħu għall-applikazzjoni uniformi tat-Tariffa Komuni Doganali [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tat-Tariffa Doganali Komuni, għandhom ikunu preskritti disposizzjonijiet il-klassifikazzjoni tat-tariffa ta' prodott li jikkonsisti fi D-glucitol (sorbitol) li jkun fih part waħda minn elf miżjuda 1,2-Benzisothiazol-3-one 1,1-dioxide (saccharin);

Billi s-subintestatura 38.19 T tat-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3002/81 [3], tirreferi għad-D-glucitol (sorbitol) minbarra dak li jaqa' fl-intestatura 29.04 C III;

Bill-d-disposizzjonijiet tan-Nota 1 (a) għall-Kapitolu 29 tippreskrivi li l-intestaturi ta' dak il-Kapitolu għandhom jittieħdu li japplikaw biss għal komposti organiċi separati kimikament definiti; billi ż-żieda ta' parti kull elf 1,2-Benzisothiazol-3-one 1,1-dioxide (saccharin) jagħmilha impossibbli li l-prodott in kwsitjoni ikun meqjus iżjed bħala kompost separat;

Billi fin-nuqqas ta' intestatura aktar speċifika dan il-prodott għandu jiġi kklassifikat fl-intestatura Nru 38.19 bħala prodott kimiku mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor; billi, fl-intestatura Nru 38.19, is-subintestatura 38.19 T għandha tingħażel għall-prodott in kwistjoni;

Billi l-miżuri li hemm provvidiment dwarhom huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodott li jikkonsisti f'D-Glucitol (sorbitol) li jkun fih parti kull elf miżjuda 1,2-Benzisothiazol-3-one 1,1-dioxide (saccharin) għandu jaqa' fl-intestatura Nru 38.19 tat-Tariffa Doganali Komuni

38.19 Prodotti kimiċi u preparazzjonijiet ta' l-industriji tal-kimika jew simili (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; il-prodotti residwi ta' l-industriji tal-kimika u simili, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:

T. D-Glucitol (sorbitol) minbarra dak li jaqa' taħt l-intestatura 29.04 C III.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-42 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Ottubru 1981.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 14, tal-21.1.1969, pġ. 1.
(2) ĠU L 172, tat-22.7.1968, pġ. 1.
(3) ĠU L 301, tat-22.10.1981, pġ. 1.